**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)**

***Drogi 312/00***
***Pulizija***
***Supt. Nicholas Ciappara***
***v***
***Antoine Sciberras***

Illum 15 ta' Frar 2001

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi l-akkuza dedotta kontra l-imputat hija bazata fuq ir-reat ta' **Pussess Illegali (semplici)** tar-raza mehuda mill-pjanta tal-**cannabis** – *rifferibbilment ghal-1 ta' Jannar 2000 u t-tnax il-xahar ta' qabel din id-data.*

Illi l-imputat ammetta l-akkuza dedotta kontra tieghu, u ghaldaqstant din tinsab sodisfacentement provata skond il-ligi.

In propositu ghal piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tieghu u lk-ammont zghir ta' droga involut, u jidhrilha li f' dan il-kaz ghandha takkorda lill-imputat il-beneficju tal-liberta' kondizzjonata.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lill-imputat hati skond l-akkuza ai termini tar-rat ir-regolament 8 tal- GN 292/39 ; izda tilliberah ***bil-kondizzjoni li ma jghamilx reat iehor fi zmien tnax il- xahar*** a tenur tal-Artikolu 9 tal-Kap.152.

Il-Qorti spjegat lill-imputat f' termini cari s-sinifikat tal-imsemmi provvediment.

In fine tordna d-destruzzjoni tad-droga esebita, a kura tal-Ispizjar Mario Mifsud li qed jigi nominat espert ghal dan l-iskop..

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***